PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

30.1.2015

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petition No 2036/2013 by by C. J. (ta' ċittadinanza Ġermaniża), biex titwaqqaf il-prattika tat-tħaffir għall-pit**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jemmen li t-tħaffir għall-pit għandu jiġi pprojbit, fost l-oħrajn għax iċekken il-ħabitat disponibbli għal diversi speċijiet ta' flora u fauna u għaldaqstant jagħmel ħsara lill-bijodiversità. Il-petizzjonant jemmen ukoll li t-tħaffir tal-pit hu problema ambjentali serja għax jirrilaxxa fl-arja ammonti kbar ta' dijossidju tal-karbonju. Il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew biex iwaqqaf din il-prattika.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Awissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Ir-riskju ta' torbieri li jarmu ammonti kbar ta' gassijiet b'effett ta' serra meta jiġu mbattla u mħaffra huwa rikonoxxut mill-Kummissjoni u minn għadd ta' fora internazzjonali.

Il-linji gwida tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima[1] (IPCC) juru li l-fattur ta' emissjoni marbut ma' din il-problema huwa għoli ħafna. L-FAO[2] tgħid li "It-torbieri u l-ħamrija organika jkopru 3 % biss tal-erja tal-art fid-dinja iżda fihom 30 % tal-karbonju fil-

[1] http://www.ipcc-nggip.iges.or.jp/public/gpglulucf/gpglulucf_files/Chp3/App_3a3_Wetlands.pdf u http://www.ipcc.ch/meetings/session37/Doc_8b_Rev_2_Accepted_Report_Wetlands.pdf
[2] http://www.fao.org/docrep/015/an762e/an762e.pdf



Magħquda fid-diversità

ħamrija tagħha (Parish et al., 2008. Torbieri mbattla, li jkopru 0.3 % tal-erja tal-art fid-dinja, jarmu kważi 6 % tal-emissjonijiet $CO_2$ (Joosten, 2009a)."

Il-linji gwida IPCC jipprovdu wkoll qafas ta' kontabilità u fi ħdan l-UE, id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw minn attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet,[1] tipprovdi l-bażi għal kontabilità tal-flussi tal-karbonju relatati ma' torbieri.

Fir-rigward ta' torbieri tal-azjendi agrikoli (mergħat u raba'), il-Politika Agrikola Komuni u r-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tagħha stabbilixxew prattiki agrikoli u ambjentali tajbin li għandhom jiġu segwiti biex jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija kollha inkluża l-erja tat-torbieri.

Madankollu huma l-Istati Membri li jistabbilixxu fid-dettall il-miżuri li ttieħdu biex jimplimentaw il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013[2], dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Appoġġ finanzjarju biex jiġu mħarsa u jerġgħu jixxarrbu t-torbieri huwa disponibbli permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF) 2014-2020 u permezz tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) 2014-2020. Huwa f'idejn l-Istati Membri, li issa qed iħejju l-programmi ESIF tagħhom, li jiddeċiedu jekk jitfasslux u jekk jiġux implimentati miżuri ta' protezzjoni tat-torbieri ffinanzjati mill-UE. Il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni ta' dawn il-programmi, madankollu, ma jinkludix indikatur speċifiku li jippermetti li tinġabar data sistematika speċifikament dwar il-ħarsien jew ir-restawr tat-torbieri f'dawk il-programmi operattivi, peress li dawn l-azzjonijiet huma inklużi f'kategoriji tematiċi usa'.

Torbiera li hija parti min-network-Natura-2000 skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats[3] għandha tinżamm jew, fejn xieraq, tiġi rrestawrata fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Kwalunkwe pjan jew proġett li mhux marbut direttament mal-ġestjoni tas-sit-Natura-2000 jew li mhuwiex meħtieġ għaliha iżda li aktarx għandu effett sinifikanti fuqu, bħal pereżempju tħaffir industrijali tal-pit, għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit invista tal-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit relatati ma' "turbieri"[4].

Konklużjoni

Filwaqt li t-torbieri jistgħu jkunu sors ta' emissjoni għoli meta ma jkunux adegwatament protetti u ġestiti, dawn jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir ħafna tal-art totali tal-UE. Ir-riskju huwa rikonoxxut mill-UE permezz ta' varjetà ta' leġiżlazzjoni li l-implimentazzjoni tagħhom hija soġġetta għal-liġi/deċiżjonijiet nazzjonali.

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013D0529&rid=5
[2] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013R1306&rid=1
[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1992L0043:20070101:MT:PDF
[4] Tipi ta' ħabitats 7110 sa 7320 skont l-Anness I tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.